**PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex**
*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*

28 ta' Lulju 2024

## XOGĦOL FIL-KNISJA

**Minn għada t-Tnejn 29 ta' Lulju l-quddies tat-7.45am u tad-9.00am** mit-Tnejn sas-Sibt għal matul dan is-sajf ser jibda **jsir fil-knisja tal-Qalb ta' Ġesù**. Dan għaliex sejrin inkomplu bil-proġett tas-sistema tad-dawl, u ser jibda x-xogħol fiż-żona tal-presbiterju u l-kor.

Minħabba f'hekk **il-quddiesa tad-9.00am mhux ser tibqa' tiġi mxandra live** fuq il-mezzi soċjali. Mentri l-quddies tas-7.00am u tal-5.00pm mit-Tnejn sas-Sibt ser jibqa' bħas-soltu jkun imxandar live fuq il-paġni tal-Facebook.

Sakemm nistennew l-istima tal-ispiża tar-**restawr tat-tużell**, għaddejjin b'taħditiet sabiex infittxu diversi għajnuniet finanzjarji. Minkejja li għad m'għandniex indikazzjonijiet preċiżi ġa **bdejna nirċievu xi donazzjonijiet minn diversi benefatturi**. Fosthom nirringrazzjaw lil Joe u Carmen Attard għal donazzjoni ta'€300. Sa issa s-somma telgħet għal €1,587.

Din il-ġimgħa ser inkomplu wkoll **ir-restawr tal-linef iż-żgħar**. Tiżżlet it-tielet waħda ħalli nippruvaw inlestuha sa tmiem is-sajf, meta mbagħad sejrin nerġgħu nikxfuhom kollha għall-pussess tal-Arċipriet nhar is-Sibt 28 ta' Settembru 2024. Kull għajnuna hi apprezzata.

## ĊELEBRAZZJONIJIET U TALB

Nhar it-Tlieta 30 ta' Lulju fis-6.30pm fis-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu Mons. Isqof Anton Teuma ser imexxi **konċelebrazzjoni fl-okkażjoni tal-20 anniversarju mill-mewt tal-Qaddej t'Alla Dun Mikiel Attard**. Ser jiġi organizzat trasport fis-6.00pm li jitlaq minn quddiem l-Uffiċċju Parrokkjali. Inħeġġukom ħafna biex tieħdu sehem.

Se ssir **siegħa Adorazzjoni** fil-knisja tal-Qalb ta' Ġesù, **nhar is-Sibt 3 t'Awwissu fit-8.15am**. Se ssir bi tpattija lill-qalb bla tebgħa ta' Marija u għall-konverżjoni tal-midinbin. Kulħadd huwa mistieden.

Minn din il-ġimgħa ser ikun hemm **tibdil fit-talb tal-Ħamis filgħaxija**. Fil-knisja dritt wara l-quddiesa tal-5.00pm ser jibda jiġi espost is-sagrament għal siegħa Adorazzjoni fis-skiet. U mbagħad fis-6.30pm is-saċerdot janima mument ta' talb għall-vokazzjonijiet u jagħlaq bil-barka sagramentali dritt qabel il-quddiesa tas-7.00pm.

*Dun Krystof*

## KATEKIŻMU U SAGRAMENTI

Ħudu nota li għas-sena d-dieħla d-data tal-**Ġriżma tal-Isqof ġiet iffissata għal nhar is-Sibt 14 ta' Ġunju 2025 filgħaxija**, għat-tfal tal-Form 1 li jkunu attendew għall-programm ta' katekiżmu mħejji fl-oqsma tal-M.U.S.E.U.M.

Mentri qed nippjanaw li **l-Ewwel Tqarbina ssir nhar il-Ħadd 25 ta' Mejju 2025 filgħodu**. Jekk ikun hemm xi tibdil f'din id-data navżawkom mill-aktar fis.

## ĠRANET U ĦINIJIET TA' TAGĦLIM FL-OQSMA TAL-MUŻEW GĦAS-SENA SKOLASTIKA 2024-2025

### BNIET

**L-ewwel xift: mill-4:30pm sal-5:15pm**
Year 1: It-Tlieta
Years 2 u 3: It-Tnejn u l-Ħamis
Year 4: It-Tlieta u l-Ġimgħa

**It-tieni xift: mis-5:45pm sas-6:30pm**
Year 5: It-Tlieta u l-Ġimgħa
Year 6: It-Tnejn u l-Ħamis
Year 7 (Form 1): It-Tnejn u l-Ġimgħa
Year 8 'il Fuq (Forms 2+): It-Tlieta

### SUBIEN

**Primarja:**
Years 1, 3 u 5 nhar ta' Tnejn u Ħamis
Years 2, 4 u 6 nhar ta' Tlieta u Ġimgħa

Il-grawnd jinfetaħ fil-5:30pm.

**Il-lezzjonijiet isiru bejn is-6.00pm u s-6.30pm.**

**Middle School u Sekondarja:**
Year 7 sa 11 (Form 1 sa 5) nhar ta' Tnejn, Tlieta, Ħamis u Ġimgħa

Il-grawnd jinfetaħ fis-6:30pm.

**Il-lezzjonijiet isiru bejn is-7.00pm u s-7.30pm.**

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5.30am; 6.15am; 7.00am; 5.00pm; 7.00pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 7.45am; 9.00am; 11.00am
**il-Ħadd:** 7.00am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10.15am (bl-Ingliż)
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am